MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 468/1999/1

**Domestica Ltd.**

**vs**

**Roberta Sultana u b'digriet tas-6 ta' Dicembru, 1999 il-Qorti ordnat li isem il-konvenuta Roberta jigi kancellat u sostitwit bl-isem Rita**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Marzu, 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta illi thallas is-somma ta' hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm526) prezz ta' xoghol ta' injam konsistenti f'"extra work for side door" kif spjegat dettaljatament fl-anness prospett Dok A liema xoghol gie ordnat mill-konvenuta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali ta' l-10 ta' Jannar, 1998 u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 1998.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li l-esponenti mhijiex il-legittima kontradittrici tas-socjeta’ attrici billi kull trattattivi ma’ l-istess socjeta’ saru minn Rita Sultana u mhux mill-konvenuta.
2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi fil-fatt l-ammont mitlub mhux dovut stante li l-prezz konvenut kien jinkludi dak hekk imsejjah fil-kawza bhala “extra work for side door”, fis-sens li kien jinkludi l-koxxa tal-bieb ukoll.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta giet sanata bid-digriet tas-6 ta’ Dicembru, 1999 fejn il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni ta’ l-isem, minflok Robeta Sultana l-isem ghandu jigi jaqra Rita Sultana.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, rrizulta li l-konvenuta Rita Sultana kienet ordnat xogholijiet ta’ l-injam minghand is-socjeta’ attrici ghal fond taghha maghruf bhala “Drop Inn”, f’Tigne tas-Sliema. Dan ix-xoghol kien jinvolvi l-bdil ta’l-aperturi ta’ l-aluminium ghal dawk ta’ l-injam. Kien Lorry Sammut ghan-nom tas-socjeta’ attrici illi ra x-xoghol, kejjlu u ipprezenta stima. Dawn gew accettati u beda jsir ix-xoghol. Principalment dana kien jikkonsisti fi bdil ta’ tliet bibien fuq il-faccat, kull bieb b’erba’ porzjonijiet u tieqa fuq wara b’porzjon wiehed. Saret ukoll stima ghall-flush doors u din giet accettata.

Ma hemmx kontroversja bejn il-partijiet dwar il-kwalita’ tax-xoghol jew jekk giex esegwit skond is-sengha u l-arti. Id-disgwid bejnithom jirrigwarda xogholijiet ‘extra’ illi ghamlet is-socjeta’ attrici bil-valur ta’ hames mija u sitta u

ghoxrin lira Maltin (Lm526) liema xogholijiet il-konvenuta tikkontendi illi kienu nvoluti u komprizi fl-istejjem originali.

Skond Lawrence Sammut, ix-xoghol ‘extra’ kien, “Top corners, 4 shutters on inside of glazed door and outside corners for shutters.”  Dawna kienu *one unit of each*. Saru mbaghad tliet kisjiet tax-xambrelli tal-bieb u zewg *corners* illi jaqbdu fuq ix-xambrella (fol. 16).  Meta gew ghax-xoghol fit-tieqa ta’ wara, l-konvenuta rega bdiela u riedet tiftaha f’bieb kif kienet originarjament.  Ghalhekk, kellu jitkejjel xoghol mill-gdid.  Peress illi l-konvenuta ma ridietx thalli aperturi minghajr sigurta ma sarx il-ftehim bil-miktub dwar ix-xoghol fuq il-bieb ta’ wara, izda s-socjeta’ attrici baqghet ghaddejja bix-xogholijiet xorta wahda.

Peress illi l-appalt kien jinvolvi cifra ta’ madwar sebat elef lira Maltin (Lm7,000), is-socjeta’ attrici accettat illi taghmel ix-xoghol ‘extra’ bhal *counter* u *recesses* fil-hajt illi thallsu separatament.  Izda l-konvenuta qeda tirrifjuta illi thallas l-ahhar fattura ta’ l-ammont fuq imsemmi, peress illi kif gja inghad qalet illi dan kien involut fl-istejjem originali.

Din pero’ ma kinitx l-iskuza li l-konvenuta originarjament gabet meta rceviet il-kont.  Skond Lawrence Sammut, il-konvenuta ma sabet l-ebda oggezzjoni, izda talbet biss zmien ghall-pagament u riedet thallas l-ahhar ammont f’zewg partiti jew tlieta.  Ta’ dan is-socjeta’ attrici ma sabet l-ebda oggezzjoni.

Meta rat pero’ li l-pagamenti baqghu ma gewx, avvicinat lill-konvenuta li gabet skuza li l-bank sab il-kont gholi wisq. Meta anki hawnhekk il-pagament baqa’ ma giex, imbaghad is-socjeta’ attrici rrikorriet ghall-Qorti.

Rita Sultana (fol 23) tghid illi kienet ikkummissjonat lil Lawrence Sammut peress illi kienet tafu personalment. Kienet taf ukoll illi dana  jahdem mad-Domestica Limited u accettat illi x-xoghol isir minn din is-socjeta’, tant hu hekk illi wqt li kien qieghed isir ix-xoghol il-konvenuta bdiet thallas ftit ftit.  Qalet pero’, illi meta kien jintalab xi ammont illi ma kienx involut fl-istejjem, kienet thallas il-ghaliex is-socjeta’ attrici kien thedda illi ma jkomplux bix-xogholijiet

jekk ma jsirx il-hlas. Meta mbaghad wasal l-ahhar kont hija rrifjutat illi thallas. Qalet pero', li x-xoghol fuq it-tieqa ta' wara kien bejn wiehed u iehor l-istess bhax-xoghol fuq il-bibien ta' barra, bl-istess kwistjonijiet jigu riflessi fuq il-bieb ta' wara.

Xehdu wkoll it-tfal tal-konvenuta, Roberta Sultana u Andreana Sultana illi kkonfermaw ix-xhieda ta' ommhom ghal dak illi jirrigwarda l-ghoti ta' l-appalt u l-ordni in generali li l-aluminium kellu jinbidel kollu. Jikkonfermaw illi x-xoghol sar u li sar a sodisfazzjon taghhom. Jafu pero', illi kien hemm kwistjoni dwar l-ahhar fattura illi gie allegat illi kellu jkun inkorporat fl-istejjem originali.

Il-konvenuta regghet xehdet (fol. 65) fejn tat rendikont ta' l-oggezzjonijiet taghha. Spjegat illi l-bieb ta' wara kellu jiswa' l-ammont ta' seba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm783), illi thallas u ma setatx tifhem il-ghala ntbaghat dan il-kont 'extra'. Jidher pero', illi dan il-kont gie diskuss ma' Lawrence Sammut peress illi sar ftehim bejna u bejn Sammut. A fol. 25 il-konvenuta qalet, "Ghalhekk, jiena kont sorpriza li meta mbaghad ipprezentali kont iehor ta' 'extra works'. Din l-ahhar quotation hija erba' darbiet aktar milli ghamilli s-sur Sammut ghall-bibien ta' quddiem. Barra minn hekk , is-sur Sammut qalli li minflok jaghmilli discount, jaghmilli t-tabella ta' quddiem b'xejn u jiena accettajt."

Fix-xhieda tieghu Lawrence Sammut jikkonferma illi s-socjeta' attrici esegwit it-tabella bl-isem tal-hanut b'xejn.

Ikkunsidrat:

Illi b'din l-ahhar dikjarazzjoni l-konvenuta gabet fix-xejn l-allegazzjonijiet kollha taghha rigward ix-xogholijiet 'extra' illi allegatament ghamlet is-socjeta' attrici. Kellhiex ragun jew le, waslet fi ftehim mas-socjeta' attrici illi din tesegwixxi bicca xoghol halli jigu saldati l-kwistjonijiet illi kien hemm bejnithom.

Minn naha taghha, s-socjeta' attrici esegwit dan ix-xoghol, quindi din il-Qorti ma tarax xi skuza jista' jifdallha l-konvenuta biex izzomm il-pagament mitlub. Anki jekk hemm kontestazzjoni dwar ix-xogholijiet, huma x'inhuma, dawn gew accettati fl-intier taghhom mill-konvenuta u mhijiex qeda taghmel oggezzjoni ghal dak illi jirrigwarda l-kwalita', peress illi gie dikjarat ghal darba, dartejn li x-xoghol sar a sodisfazzjon taghhom.

Id-dizgwid illi hemm bejn il-partijiet jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-ftehim u l-modalita' tal-hlas. Mhuwiex kontest anqas illi l-konvenuta hallset ftit ftit hekk kif kien qed jigi esegwit ix-xoghol. Jista' jaghti l-kaz illi din ma kinitx kuntenta bil-mod kif kien qed jintalab il-hlas u l-ammont tieghu. Pero', kienet taf il-*modus operandi* tas-socjeta' attrici fejn f'certa sitwazzjonijiet kienu ser jintalbu xi hlasijiet ghall-xogholijiet 'extra'. Quindi l-konvenuta messa ppreparat ruhha meta ordnat ix-xogholijiet fuq wara u mhux taqbad u tordnahom minghajr ma tghid xejn, taccetta x-xogholijiet u mbaghad ma thallasx.

Kif gja inghad, pero', kwalunkwe dizgwid dwar il-ftehim li seta' kien hemm bejn il-partijiet gie solvut bl-arrangament illi sar bejnithom, li s-socjeta' attrici taghmel it-tabella ta' quddiem b'xejn. Ladarba l-konvenuta accetat din il-proposta, allura '*pacta sunt servanda*' u issa ma tistax aktar topponi t-talba tal-hlas minghand is-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuta illi hallas is-somma ta' hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm526) prezz ta' xoghol ta' injam konsistenti f'"extra work for side door" kif mitlub u ordnat mill-konvenuta.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------